# Francesco Buhagiar (1876- 1934)



Wieħed min-nies l-aktar illustri li okkupaw il-kariga ta' president tal-Każin tal-Banda Duke of Connaught kien l-Avukat Francesco Buhagiar li serva f'din il-kariga bejn l-1920 u l-1923. Illum il ġurnata ftit nies jafu li Buhagiar serva bħala Prim Ministru ta' Malta bejn l-1923 u l-1924. Buhagiar twieled il-Qrendi fis-6 ta' Settembru 1876 ġo familja tal-ħaddiema li iżda kienet marret tajjeb fin-negozju ta' l-irħam li kellu missieru Michele. Kellhom ħanut Blata l-Bajda fit-triq li tagħti għall-belt Valletta. Mill-Qrendi l-familja Buhagiar marret toqgħod Birkirkara. Sadanittant Buhagiar wara li attenda il-liceo mar l-Università ta' Malta fejn iggradwa bħala avukat fl-1901 u beda jipprattika fil-liġi ċivili u kummerċjali. Il-klijentela tiegħu kienet l-aktar bdiewa u x'aktarx minħabba x-xogħol tal-qorti Buhagiar mar joqgħod il-Belt f'numru 145, Strada Stretta. Fis-sajf kien imur villeġjatura San Pawl il-Baħar. F'Marzu ta' l-1902 kien wieħed minn grupp imdaqqas ta' studenti u ggradwati Maltin li marru Sqallija fejn ingħataw laqgħa kordjali ħafna u ġew milqugħin minn dinjitarji tal-post.

Francesco Buhagar daq xi ftit tas-saram fil-ħajja personali tiegħu. Iżżewweġ fit-28 ta' Frar 1905 lil Eliża Said mill-Belt Valletta. Kellhom sitt itfal, għexu biss żewġ subien u tifla. Eliża fill-fatt mietet waqt it-twelid ta' l-aħħar wild taż-żwieġ f'Jannar ta' l-1916. Wara xi żmien armel Buhagiar iżżewweġ fit-18 ta' Settembru 1917 lil oħt Eliża, Enrichetta, prattika li ma kinitx għal kollox stramba dak iż- żmien. Ma' Enricchetta kellu żewġ subien oħra.

Buhagiar interessa ruħu minn kmieni fil-politika. Ħareġ għall-elezzjoni tal-kunsill tal-gvern f'Ottubru 1909 fuq is-sitt distrett li kien jinkludi Birkirkara, ma' grupp ta' nies magħrufin bħala l-Liberali, li għalkemm kienu jappartjenu għall-moviment msejjaħ nazzjonali ma kienux jaqblu mall-kumplament tal-massa. L-isforzi tagħhom ma kinux suċċess u Buhagiar wara dan inqata' xi ftit mid-dinja politika ta' dak iż-żmien. Pero' kien attiv kulturalment. Bejn l-1913 u l-1922 kien president tas-Soċjetà Filarmonika Lourdes tal-Qrendi u bejn l-1918 u l-1919 president tas-Socjetà Ċittadina King's Own tal-Belt Valletta. Jidher ukoll li kellu xi nvolviment fiċ-Ċircolo VII Settembre tal-Għargħur. Kien attiv ukoll fil-każin Malti li tiegħu kien president mill-1934. F'April tal-1921 ġie nominat għall-kunsill ta' l-Università iżda ma ġiex elett.

Sadanittant, kienu qed jiġru żviluppi nteressanti ħafna fl-istorja politika Maltija u kien delegat fl-Assemblea Nazzjonali li ġiet mlaqqa' biex tifformola kostituzzjoni ġdida għal Malta. F'nofs l-1921 ġiet fis-seħħ il-kostituzzjoni Amery Milner li biha għall-ewwel darba kien se jkun hemm l-ewwel parlament Malti bi Prim Ministru u kabinett responsabbli għat-tmexxia ta' diversi oqsma tal-pajjiż. Dan il-pass qanqal interess kbir fost il-Maltin u l-aktar akkaniti bdew jiffurmaw partiti politiċi bil- ħsieb li jikkontestaw l-ewwel elezzjonijiet li kellhom isiru. Buhagiar ingħaqad ma' grupp imsejjaħ l- Unione Politica Maltese, li kellu politika moderata u li riedet bilanċ bejn l-influenza Taljana u dik Ingliża kif ukoll li tfittex l-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-pajjiż u l-protezzjoni tar-reliġjon Kattolika.

Fl-elezzjonijiet ta' Ottubru 1921 Buhagiar ħareġ għall-Assemblea Leġislattiva, kif kien imsejjaħ il-parlament ta' dak iż-żmien, fuq is-sitt distrett. Ġie elett bi 399 vot, t-tieni l-aktar kandidat popolari fuq dak id-distrett. Meta tħabbru r-riżultati ta' l-elezzjonijet instab li l-UPM kellu l-akbar numru ta' siġġijiet, erbatax, iżda ma kellux aktar minn nofs għaliex b'kollox kien hemm 32. Dak iż-żmien kienu telgħu fil-parlament erba' partiti u allura xi ħaġa bħal din kienet mhux biss possibli imma probabli. Minkejja kollox tal-UPM iddeċidew li jiffurmaw gvern bl-għajnuna tal-Partit Laburista li kellu seba' siġġijiet. Din ma kinetx xi ħaġa faċli għall-fatt li l-UPM kien partit tal-klassi għolja u konservattiv, xi ħaġa li l-Laburisti żgur li kienu kontra tagħha. Fit-trattativi li saru bejn iż-żewġ partiti Buhagiar serva ta' pont bejn iż-żewġ partiti għaliex minkejja li kien mal-partit tas-sinjuri kien essenzjalment ta' oriġini tal-klassi tal-ħaddiema.

Fl-ewwel xhur ta' l-amministrazzjoni li bdiet fl-ewwel ta' Novembru ta' l-1921 Buhagiar kien jgħin fix-xogħol tal-Gvern bħal per eżempju kien membru fuq il-bord tal-kuntratturi mal-Prim Ministru Joseph Howard li kien ukoll ministru tal-finanzi. Apparentement kien Buhagiar li ħareġ bl-idea li jiġi organnizzat il-lottu pubbliku, miżura li ġiet milqugħa tajjeb ħafna għaliex bdiet tħalli l-flus fiż-żmien meta l-gvern kellu bżonn kbir ta' fondi. Ġie wkoll nominat għall-ħatra ta' deputat speaker imma ma ġiex elett. Iżda wara r-riżenja tal-ministru tal-Ġustizzja il-Konti Caruana Gatto, Buhagiar laħaq minfloku fit-13 ta' Ottubru 1922. Bħala tali ressaq numru ta' liġijiet fil-parlament għan-nom tal-gvern. Kien ukoll responsabbli għall-ħabs u għar-reformatorju u ħadem ħafna sabiex itejjeb il-kundizzjonijiet ġewwa fihom. Ir-reformatorju żaru numru ta' drabi u estendih biex kull min ikun ikkundannat il-ħabs u jkun taħt it-18-il sena jmur hemm flok il-ħabs. Serva wkoll bħala aġent Ministru ta' l-Edukazzjoni, u aġent Ministru ta' l-Industrija u l-Kummerċ meta dawn il-Ministri ma setgħux jaqdu dmirhom għal xi raġuni jew oħra. Għamilha wkoll ta' aġent Prim Ministru għal xi żmien bejn Settembru u Ottubru.

F' Novembru tal-1923 il-gvern tal-UPM għadda minn burraxka wara li l-Prim Ministru Howard waqt żjara f'Ruma qal xi kliem li ġie nterpretat bħala dislejali lejn l-Ingilterra. Howard kellu jirriżenja u l-eżekuttiv tal-partit għażel lil Buhagiar biex jissuċċedih. Il-laqgħa fil-fatt saret fid-dar ta' Buhagiar li dak iż-żmen ma kienx qed joħroġ għax kien kiser saqajh. Ġie ttamat li n-nomina ta' Buhagiar kienet tgħin il-gvern biex jibqa' fuq saqajh fil-parlament bil-għajnuna tal-partit Laburista minħabba il- fiduċja li Buhagiar kien igawdi ma' dan il-paritit. Il-problema tas- siġġijiet kienet għadha ma ssolvietx u fil-fatt il-gvern ta' Howard kien waqa' darbtejn meta l-Laburisti vvutaw mal-partiti ta' l-Oppożizzjoni. Mhux kulħadd laqa' l-ħatra ta' Buhagiar bil-pożittiv. Anke fil-partit tiegħu stess kien hemm min qal li fiċ-ċirkostanzi kien ikun aħjar li kieku saret elezzjoni. Kien hemm ukoll min kien tal-fehma li flok Buhagiar messu laħaq Prim Ministru Ugo Mifsud li kien Ministru u kien ukoll popolari ħafna. Il- Gvern ġie akkużat li ħeles mill-Prim Ministru Howard. Il-fatt li Buhagiar ma kienx jixtieq l-għaqda ma' l-Italja kien ifisser li kien hemm min ma kienx jaqbel miegħu minn fost il-moviment nazzjonali li għalih kien jappartjeni l-UPM.

Buhagiar żamm il-ministri ta' żmien Howard ħlief il-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Kien kabinett ta' ħamsa minn nies u Buhagiar innifsu barra li kien Kap tal-Ministeru kif kien magħruf il-Prim Ministru

AMG
MEAT MARKET
*Special offer on cube roll, sirloin & chicken items.*
**Valley Road, Birkirkara**
**Tel. 2144 2066**

dak iż-żmien kien ukoll Ministru tal-Ġustizzja u tal-Finanzi. Però kien ċeda ir-responsabbiltà għall-ħabs u r-riformatorju.

Bħala amministrazzjoni l-Gvern ta' Buhagiar kien tkomplija ta' dak ta' Howard. It-taraġ li hemm il-Barrakka kien proġett tad-dipartiment tax-Xogħolijet Pubbliċi ta' dak iż-żmien u ġewwa Birkirkara stess kienet din l-amministrazzjoni li lestiet it-triq bejn il-widien ta' Birkirkara u l-Imsida magħrufa aħjar bħala Triq Mannarino. Ix-xogħol fuq l-iskola primarja ta' Birkirkara wkoll inbeda f'dan iż-żmien eżattament f'Novembru 1923. Buhagiar kien jieħu xogħlu bis-serjetà ħafna u ħafna drabi kien jaħdem sa tard bil-lejl. Kellu vizzju li jċempel l-għases tal-pulizija fit-tard biex ikun ċert li qed jagħmlu xogħlhom. U tejjeb ħafna l-uffiċċju tal-Prim Ministru li dak iż-żmien kien għadu fil-Palazz il-Belt. Webbes kemmxejn idejh ma' l-Oppożizzjoni ħarxa tal-Partit Kostituzzjonali u ftit ġimgħat wara li tela' bagħat il-pulizija jagħmlu tfittxija fil-kwartieri tagħhom.

Minħabba l-ammont kbir ta' nies bla xogħol kienet għaddejja ħidma biex il-Maltin ikunu jistgħu jemigraw fi żmien meta pajjiżi tradizzjonalment assoċjati ma' l-emigrazzjoni bħall-Awstralja u l-Amerika kienu jillimitaw ħafna d-dħul tal-Maltin. Kien fi żmien Buhagiar li dawn iż-żewġ pajjiżi infteħu għall-Maltin b'mod li fl-Amerika setgħu jidħlu kważi mija fis-sena u fl-Awstralja l-istess ammont kull xahar. Kien ukoll f'dan iż-żmien li l-vapuri għall-Awstralja bdew jieqfu Malta u dan qata' l-iskariġġ u l-ispejjeż biex wieħed imur f'pajjiż ieħor biex jaqbad il-vapur. Kompliet ukoll l-estensjoni ta' l-edukazzjoni u barra dik ta' Birkirkara kienu qed jinbnew skejjel f'Ħal-Għaxaq, Ħal-Qormi u l-Isla. Fi żmien Buhagiar kien tkabbar il-liceo u reġgħet ġiet introdotta is-sistema tal-premjijiet fl-iskola sekondarja t'Għawdex. Kien hemm numru ta' xogħolijiet pubbliċi għaddejin f'dak iż-żmien inkluż il-preparazzjoni biex tiġi żviluppata il-biċċa art bejn il-Belt u l-Furjana u t-twessigħ ta' Triq it-Torri f'tas-Sliema. Kienu wkoll qed jiġu estiżi s-sistemi tal-elettriku u l-ilma. Minħabba il-faqar li kien hawn saru sforzi biex titrażżan l-għoli tal-ħajja u kompliet il-ħidma biex jiġi mtejjeb is-servizz mediku. Fil-fatt dan ġie estiż għal aktar irħula u l-isptar ta' l-Imgieret ġie mkabbar.

Saru numru ta' liġijiet importanti inlkuż dik elettorali, liġi li tirrikonoxxi it-titli tal-Papa u liġi li tirreċiproka d-deċiżjonijiet tal-qrati Ingliżi f'Malta. Ġiet attwata l-liġi tal-posta li kienet saret fi żmien il-Prim Ministru Howard li biha s-sistema postali ta' Malta ġiet ugwali ma' dik ta' barra. Kien f'dan iż-żmien ukoll li ddaħlet is-sistema tal-prepaid postage. Eżatt malli laħaq Buhagiar kienet ġiet fis-seħħ il-liġi tal-pari passu li jfisser li l-Ingliż u t-Taljan li fuqhom kien hemm kwistjoni kbira għall-ħafna snin, jiġu mgħallma flimkien fl-iskejjel primarji, xi ħaġa li kienet rebħa kbira għall-gvern.

Bejn is-16 u l-25 ta' Frar ta' l-1924 Buhagiar laqa f'Malta ir-reġina Marie tar-Rumanija li kienet tiġi l-kuġina tar-re Ġorġ V ta' l-Ingilterra li allura kien anke is-sovran ta' Malta. Dak ix-xahar Buhagiar innifsu sar il-kap tal-partit tiegħu flok Mons Panzavecchia li kien irreżenja. Kien għalhekk l-ewwel Prim Ministru kap ta' partit fl-istorja politika Maltija. Żewġ avvenimenti oħra mportanti ġraw f'Ġunju meta Buhagiar ta l-ġurament tal-ħatra lill-gvernatur il-ġdid Walter Norris Congreve u f'Awissu ta' wara meta żamm waħda mill-lasti tal-baldakkin waqt l-investitura ta' Mons Mikiel Gonzi bħala Isqof t' Għawdex.

Is-sena finanzjarja dak iż-żmien kienet tispiċċa fil-31 ta' Marzu, u allura malli spiċċa Jannar 1924 kulħadd beda jistenna l-budget għas-sena l-ġdida. Iżda Buhagiar ittardja din il-preżentazzjoni sal-25 ta' Frar. Il-Prim Ministru qala' ħafna kritika fuq dan il-fatt u beda jingħad li peress li minn barra li kien Prim Ministru kien ukoll Ministru tal-Finanzi u tal-Ġustizzja, ma kienx qiegħed ilaħħaq. Fil-fatt Buhagiar kien ried iċedi mqar il-Ministeru tal-Finanzi iżda tal-partit tiegħu stess ma ħallewħx. Il-budget ma laħaqx għadda sa l-aħħar ta' Marzu u l-gvern kellu jipprovdi għall-amministrazzjoni billi jivvota flus għal-tliet xhur biss. B'hekk ġew pprovduti l-fondi meħtieġa sa l-aħħar ta' Ġunju.

Dak iż-żmien gvern kien idum tliet snin qabel imur għall-elezzjoni għall-kuntrarju tal-lum fejn idum ħamsa. Peress li l-leġislatura kienet ġiet inawgurata fl-1921 l-parlament ġie xolt fit-22 t'April u l-elezzjonijiet mħabbra għad-9 u l-10 ta' Ġunju. Buhagiar reġa ħareġ fuq is-sitt distrett fejn ġab 601 u ħareġ ukoll fuq l-ewwel li kien jikkonsisti f'parti mill-belt Valletta. Hawnhekk kien elett b'319 vot. L-elezzjonijiet taw tkaxkira lill-UPM li l-kandidati tiegħu inkluż Buhagiar innifsu fuq is-sitt distrett, naqqsu l-voti tagħhom. Naqsulu wkoll is-siġġijiet għaliex issa kellu għaxra minn 32 l-istess bħall-Paritit Kostituzzjonali l-aktar partit meqjus għadu tal-UPM. Iżda kien għad kellu l-maġġoranza fis-senat u kien l-aktar partit li minkejja kollox kellu ċans jakkwista l-fiduċja tal-maġġoranza tad-deputati. Għalhekk il-gvernatur Congreve ta lil Buhagiar l-inkarigu li jerġa' jifforma gvern. Buhagiar ma rnexxilux jagħmel gvern ta' koalizzjoni mal-Laburtisi iżda ottjena garanzja mill-Laburisti li dawn jgħinuh fil-Parlament fuq dak li kienu jaqblu miegħu. Fil-ġranet ta' wara fil-fatt bi ftehim mal-partit Laburista l-gvern ta' Buhagiar ippreżenta liġi biex l-edukazzjoni ssir obbligatorja.

Iżda ftit ġimgħat wara waqt li kien qed jippreżenta l-budget il-Laburisti vvutaw kontra minħabba dik il-parti tal-budget li tirrigwarda l-pagament tal-Ministri li Buhagiar ried jinforza b'liġi. Il-gvern waqa' fil-11 t'Awissu 1924 u biex tiġi evitata elezzjoni oħra daqshekk malajr Buhagiar daħal fi trattativi mal-Partit Demokratiku Nazzjonalista li kellu ħames siġġijiet. Fit-18 t'Awissu ġie ffurmat gvern ta' koalizzjoni bejn dawn it-tnejn. Bħala riżultat ta' dan it-tibdil li kien hemm fil-kabinett Buhagiar ma baqax Ministru tal-Finanzi. Kien ittamat li din il-koalizzjoni bil-għajnuna ta' żewġ membri Laburisti li kellhom xi ftit tad-differenzi mal-kumplament tal-partit tagħhom kienet iżżomm il-gvern fil-wiċċ fil-parlament. Fil-frattemp ġie ppreżentat il-budget li għall-ewwel darba mill-1921 wera żieda fin-nefqa tal-gvern. Biex għadda però u ma reġax waqa l-gvern il-Prim Ministru kellu jirtira dik il-parti li tirrigwarda l-pagament tal-ministri. Ġiet apporvata l-ligi' ta' l-edukazzjoni obbligatorja u ligi tal-kera li tiddefendi l-interessi tal-ħaddiema.

Buhagiar ma kienx destinat li jkompli jreġi l-gvern fit-tul. L-imħallef Mifsud kien miet f'Lulju ta' 1924 u kien hemm bżonn li jiġi nominat imħallef ieħor u dan kien responsabbiltà ta' Buhagiar bħala Prim Ministru. Hu ddeċieda li jinnomina lilu nnifsu, pass li kien xi ftit jew wisq kontroversjali. Kien hemm min ikkritikah u gazzetta lokali pinġietu f'karikatura jħares lejn il-mera u jgħid li qed jinnomina lill-persuna ta' quddiemu mħallef. Ma saret l-ebda protesta uffiċjali u l-għada li ta r-riżenja tiegħu, fit-23 ta' Settembru 1924 huwa laħaq imħallef. Fir-realta' Buhagiar kien iktar iħobb il-liġi milli l-politika. Barra minn hekk kellu familja xi jrabbi u fi żmien fejn ridt taqta bi snienek biex tgħix ried jiggarantixxi għajxien diċenti għalihom.

Matul is-snin ta' wara serva fi qrati differenti skond l-ordni tas-superjorità li hi applikata fil-qorti. Naturalment aktar ma beda jgħaddi ż-żmien u l-imħallfin li kienu akbar minnu fl-età bdew jirtiraw beda jpoġġi fi qrati aktar importanti sakemm sar parti mill-qorti ta' l-appell. Xi drabi wkoll għamilha ta' Prim Imħallef fl-assenza tal-Prim Imħallef proprja. Fix-xogħol tiegħu fil-qorti qala' ħafna tifħir għall-mod prattiku li bih kien jagħti s-sentenzi. Kien jimxi fuq dak li tgħid il-liġi iżda kien jagħti mportanza wkoll għal dak li jgħidlu s-sens komun għaliex ġieli jiġri li l-ligi tkun xi ftit maqtugħa mir-realtà. Kien fill-fatt qiegħed il-qorti nhar is-Sibt 23 ta' Ġunju 1934 meta tah uġigħ qawwi f'żaqqu. Kien attakk ta' l-appendiċite, u ttieħed l-isptar tal-Blue Sisters f'San Ġiljan. Għalkemm ma kienx gravi qaleb għall-għar f'daqqa waħda u miet l-Erbgħa ta' wara. Il-funeral sar jumejn wara u Buhagiar ndifen fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata. Diżgrazzjatament m'hemm l-ebda sinjal tiegħu fuq qabru għalkemm kull sena f'nhar l-Indipendenza jitpoġġa bukkett fjuri mill-Kumitat Festi Nazzjonali bħalma jsir għall-Prim Ministri l-oħra li mietu. Hemm Triq il-Qrendi u oħra Birkirkara msemmija għalih. Mill-ħamest itfal li kellu, tnejn Edgar u William kienu wkoll Presidenti tas-soċjetà Duke of Connaught.

Jeffrey J. Sciberras



*Ċerimonja li saret fil-bidu t'Ottubru 1922 meta l-emigranti Karkariżi ta' Detroit fl-Istati Uniti bagħtu standard lill-Banda Duke of Connaught. Dan ġie ppreżentat lil Francesco Buhagiar bħala president tal-każin mill-Ministru ta' l-Emigrazzjoni ta' dak iż-żmien William Savona.*